

22000D0921(16)

21.9.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 237/81

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 63/2000

tat-28 ta' Ġunju 2000

li temenda l-Anness XXI (Statistika) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) l-Anness XXI għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 23/2000 tal-25 ta' Frar 2000 <sup>(1)</sup>.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2543/1999 ta' l-1 ta' Diċembru 1999 dwar in-nomenklatura tal-pajjiżi u territorji għal statistiċi ta' kummerċ barrani tal-Komunità u l-istatistiċi tal-kummerċ inkorporati fil-Ftehim <sup>(2)</sup>.
- (3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/1999 tat-8 ta' Ottubru 1999 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2949/95 fir-rigward ta' standards minimi għat-trattament ta' prodotti fis-setturi tas-saħħa, edukazzjoni u protezzjoni soċjali fl-Indiċi Armonizzati tal-Prezzijiet tal-Konsumatur <sup>(3)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/622/KE, Euratom, tat-8 ta' Settembru 1999 dwar it-trattament ta' ħlasijiet lura tal-VAT għal unitajiet mhux taxxabbli għall-attivitajiet eżenti tagħhom, għall-għanijiet ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom dwar l-armonizzazzjoni tal-kompilazzjoni tal-prodott gross nazzjonali fil-prezzijiet tas-suq <sup>(4)</sup> għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

It-test tal-Punt 9 (Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2645/98) ta' l-Anness XXI għall-Ftehim għandu jiġi mibdul b'li ġej:

**"399 R 2543:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2543/1999 ta' l-1 ta' Diċembru 1999 dwar in-nomenklatura tal-pajjiżi u territorji għall-istatistiċi tal-kummerċ barrani tal-Komunità u l-istatistiċi tal-kummerċ bejn Stati Membri (ĠU L 307, tat-2.12.1999, p. 46)."

*Artikolu 2*

Dawn il-punti li ġejjin għandhom jiddaħħlu wara l-punt 19h (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1617/1999) ta' l-Anness XXI għall-Ftehim:

19i. **399 R 2166:** Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/1999 tat-8 ta' Ottubru 1999 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2949/95 fir-rigward ta' standards minimi għat-trattament ta' prodotti fis-setturi tas-saħħa, edukazzjoni u protezzjoni soċjali fl-Indiċi Armonizzati tal-Prezzijiet tal-Konsumatur (ĠU L 266, ta' l-14.10.1999, p. 1).

19j. **399 D 0622:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/622/KE, Euratom, tat-8 ta' Settembru 1999 dwar it-trattament ta' ħlasijiet lura tal-VAT għal unitajiet mhux taxxabbli għall-attivitajiet eżenti tagħhom, għall-għanijiet ta' l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/130/KEE, Euratom dwar l-armonizzazzjoni tal-kompilazzjoni tal-prodott gross nazzjonali fil-prezzijiet tas-suq (ĠU L 245, tas-17.9.1999, p. 51)."

<sup>(1)</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>(2)</sup> ĠU L 307, tat-2.12.1999, p. 46.

<sup>(3)</sup> ĠU L 266, ta' l-14.10.1999, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 245, tas-17.9.1999, p. 51.

*Artikolu 3*

It-testi tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2543/1999 u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2166/1999 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/622/KE, Euratom fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar id-29 ta' Ġunju 2000, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Ġunju 2000.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

F. BARBASO

---

(\*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.